31972R1686

L 177/26 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 4.8.1972

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 1686/72 TAL-KUMMISSJON
tat-2 ta' Awissu, 1972
dwar ċerti regoli dettaljati għal għajnuna għaż-żerriegħa

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2358/71 [1] tas-26 ta' Ottubru,1972 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiż-żrieragħ, u partikolarment l-Artikoli 3(5) u 9;

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1674/72 [2] tat-2 ta' Awissu, 1972 stabbilixxa regoli ġenerali għall-għoti u l-iffinanzjar ta' għajnuna għal żrieragħ; billi hija l-Kummissjoni li tistabbilixxi r-regoli dettaljati rilevanti;

Billi, biex ikun żgurat it-tħaddim xieraq tas-sistema ta' għajnuna, il-kuntratti tat-tkabbir u d-dikjarazzjonijiet tat-tkabbir għandhom ikunu reġistrati biżżejjed kmieni biex issir is-superviżjoni meħtieġa;

Billi l-istabbiliment taż-żrieragħ jew minn ikattar jista' jkun jeħtieġ perjodu biex jitratta, jippakkja u jiċċertifika ż-żrieragħ provduti minn min ikabbar; billi l-għajnuna tista' għalhekk biss tingħata lil dan ta' l-aħħar għadd ta' xhur wara l-ħsad iżda billi xorta waħda jrid ikun stabbilit limitu ta' żmien;

Billi applikazzjonijiet għal għajnuna mibgħuta minn min ikabbar ż-żrieragħ għandhom jagħtu ta' l-inqas it-tagħrif meħtieġ għal finijiet ta' superviżjoni;

Billi l-miżuri meħtieġa għandhom ikunu stabbiliti għal każijiet fejn stabbiliment taż-żrieragħ jew min ikattar minn xi Stat Membru jkabbar żerriegħa f'xi Stat Membru ieħor;

Billi l-miżuri li għalihom hemm ipprovdut f'dan ir-Regolament huma fi qbil ma' l-Opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal Żrieragħ;

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 2358/71 jitħaddem bi qbil mar-regoli dettaljati li ġejjin.

Artikolu 2

Stati Membri jistgħu jiffissaw kull sena l-iskadenzi għar-reġistrazzjoni ta' kuntratti tat-tkabbir u d-dikjarazzjonijiet li għalihom hemm ipprovdut fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 1674/72.

Artikolu 3

1. Tingħata għajnuna lil min ikabbar iż-żrieragħ bi tweġiba għal applikazzjoni li trid tintbagħat wara l-ħsad u qabel data ffissata mill-Istat Membru fil-kwistjoni għal kull speċi jew grupp ta' varjetajiet.

2. L-Istat Membru jħallas l-ammont ta' għajnuna lil min ikabbar qabel ma jgħaddu xahrejn wara li tintbagħat l-applikazzjoni u mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tas-sena li tiġi wara s-sena tal-ħsad.

Artikolu 4

L-applikazzjoni għal għajnuna mill-inqas ikollha:

— l-isem u l-indirizz ta' l-applikant;

— il-kwantitajiet ta' żerriegħa prodotta, espressa fi qnatar sa punt wieħed deċimali;

— in-numru ta' reġistrazzjoni tal-kuntratt ta' tkabbir jew dikjarazzjoni tat-tkabbir.

L-applikazzjoni tintbagħat flimkien ma' dokumenti ta' appoġġ biex jintwera li l-kwantitajiet ta' żerriegħa msemmija ġew uffiċjalment attestati.

Artikolu 5

Stabbiliment taż-żrieragħ jew min ikattar billi jkabbar iż-żerriegħa jew li għandu żerriegħa mkabbra f'xi Stat Membru barra dak li fih saret l-approvazzjoni jew ir-reġistrazzjoni għandu jipprovdi lil dak l-Istat Membru l-ieħor, jekk jintlalab, it-tagħrif kollu meħtieġ għal kontroll tad-dritt għal għajnuna.

Artikolu 6

Kull Stat Membru jgħarraf lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet u l-miżuri adottati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' għajnuna introdotta mill-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 2358/71.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Jibda japplika mill-1 ta' Lulju, 1972.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 2 ta' Awissu, 1972.

Għall-Kummissjoni

Il-President

S.L. MANSHOLT

[1] ĠU L 246, 5.11.1971, p. 1.
[2] ĠU L 177, 4.8.1972, p. 1.